IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 15.3.2019
JOIN(2019) 4 final

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Titjib tal-governanza internazzjonali tal-oċeani – Sentejn ta’ progress

{SWD(2019) 104 final}

OĊEANI B'SAĦĦITHOM — ALLEAT ESSENZJALI U RESPONSABBILTÀ KONĠUNTA

F'Novembru tal-2016, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea adottaw Komunikazzjoni Konġunta bit-titolu "*Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*"[1]. Din l-aġenda tindika approfondiment tal-politika internazzjonali tal-UE marbuta mal-oċeani. L-UE bdiet timxi minn approċċ ibbażat fuq is-settur għal approċċ integrat, u qed tkompli timxi lejn dan. L-UE dejjem żammet mal-objettiv ġenerali tagħha li tiżgura li l-oċeani jkunu sikuri, siguri, nodfa, b'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli.

L-aġenda tal-UE għall-oċeani hija parti integrali mit-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (in-NU), u b'mod partikulari għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) numru 14 li jittratta l-konservazzjoni u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar tagħna. Hija tirrifletti l-preferenza tal-UE għal sħubiji b'saħħithom, għal djalogu multilaterali u għall-kooperazzjoni internazzjonali bħala mod kif tagħti prijorità lill-ħtieġa urġenti għal azzjoni biex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani tagħna.

Oċeani b'saħħithom huma essenzjali għal ħajjet il-bniedem, għall-benesseri u għall-iżvilupp sostenibbli. L-oċeani jassorbu 25 % mill-emissjonijiet kollha tal-karbonju li nipproduċu u jqassmu s-sħana mill-ġdid madwar id-dinja. Fl-oċeani jgħixu miljuni ta' speċijiet u s-saħħa tal-oċeani tiddependi ħafna fuq din il-bijodiversità tal-baħar. Il-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra huma sors importanti ta' proteini u ta' mikronutrijenti essenzjali, u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel mad-dinja kollha u għal saħħet il-bniedem. Barra minn hekk, l-ekonomija "l-blu" tal-oċeani toffri opportunitajiet kbar għal tkabbir innovattiv u sostenibbli u għal impjiegi deċenti.

B'din l-aġenda għall-oċeani, l-UE qed issegwi approċċ orjentat lejn l-azzjoni li jindirizza l-ikbar sfidi għall-governanza tal-oċeani li għandna llum.

Dan huwa l-ewwel rapport ta' progress li ħarġu l-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani minn meta din ġiet adottata. Huwa jqis il-kisbiet li saru fit-twettiq tal-aġenda s'issa, juri suċċessi oħrajn li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-aġenda u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-impenn kontinwu tal-UE biex issaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-oċeani.

Miegħu hemm id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bin-numru *SWD(2019) 104*, li jipprovdi analiżi fil-fond tal-progress li sar biex jintlaħqu l-50 punt speċifiku stabbiliti fl-aġenda tal-UE għall-governanza tal-oċeani.

WARA SENTEJN — RIŻULTATI KONKRETI

Minn meta l-UE adottat l-aġenda tagħha għall-governanza tal-oċeani fl-2016, l-attività tagħha marbuta mal-oċeani żdiedet. Il-50 azzjoni tagħha kollha qed jiġu implimentati b'suċċess: uħud minnhom diġà twettqu, filwaqt li l-ħidma fuq diversi oħrajn se tkompli wara l-2019. L-aġenda wasslet għall-kooperazzjoni internazzjonali madwar il-kontinenti kollha u fil-kuntest tat-tliet pilastri tal-aġenda għall-governanza tal-oċeani, u saħħet ir-rwol tal-UE bħala:

- sieħba affidabbli fil-bini ta' qafas ta' governanza internazzjonali, li għandu l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fil-qalba tiegħu;

[1] JOIN(2016) 49 final.

- donatriċi ewlenija għall-proġetti li jibnu l-kapaċità u li jistimulaw azzjoni lokali, reġjonali u globali;
- sostenitriċi qawwija tar-riċerka dwar l-oċeani u tal-monitoraġġ u tas-sorveljanza tagħhom, u fornitur tas-servizzi għal dawn l-affarijiet;
- sieħba koerenti fin-negozju fl-ekonomija "l-blu" b'perspettiva inklużiva u sostenibbli.

Għall-promozzjoni ta' governanza aħjar tal-oċeani ma' sħab terzi ġew allokati EUR 590 miljun fil-kuntest tal-politika tal-UE għall-iżvilupp[2] u għar-riċerka dwar il-baħar ġew allokati aktar minn EUR 500 miljun fil-kuntest tal-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni msejjaħ "Orizzont 2020".

- **IL-PILASTRU 1: TITJIB TAL-QAFAS TA' GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI**

Mill-2016 'l hawn, l-UE użat aktar il-preżenza tagħha f'fora internazzjonali u reġjonali u r-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' sħab ewlenin biex tiżgura li r-regoli eżistenti jiġu implimentati sewwa u biex tindirizza n-nuqqasijiet regolatorji.

Fil-livell internazzjonali, l-UE kompliet taħdem b'mod partikulari fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li hija l-"kostituzzjoni" globali li tirrregola l-attivitajiet kollha fuq il-baħar. F'dan il-qafas, l-UE kienet strumentali fil-progress li sar lejn strument legalment vinkolanti għall-ħarsien tal-bijodiversità fl-ibħra internazzjonali. In-negozjati għadhom għaddejjin u l-UE u l-Istati Membri tagħha se jkomplu jmexxu 'l quddiem lil dan il-proċess. Fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika (il-KDB), l-UE qed tippromwovi b'mod attiv it-twaqqif ta' żoni tal-baħar ekoloġikament u bijoloġikament sinifikanti (EBSAs) biex ikun żgurat li dawn jitħarsu. L-UE appoġġat finanzjarjament ukoll l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, u b'hekk għenet lill-pajjiżi li jesportaw jiżguraw li l-kummerċ fl-ispeċijiet selvaġġi tal-baħar ikun legali u sostenibbli[3].

Barra minn hekk, l-UE kkontribwiet għal oċeani aktar sostenibbli, b'mod speċjali f'termini tal-konservazzjoni u tal-ġestoni tas-sajd fil-**livell reġjonali** permezz tal-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali u tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, bil-ħsieb li titjieb il-governanza bbażata fuq ix-xjenza. F'dan ir-rigward, l-UE pprovdiet EUR 17-il miljun fl-2017 u fl-2018 għat-titjib tal-governanza, tax-xjenza u tal-bini tal-kapaċità u għat-tisħiħ tal-konformità fit-18-il organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd tat-tonn li fihom hija tieħu sehem. Din l-azzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà rnexxiet: fi tmiem l-2017, 16 mit-18-il stokk tat-tonn emblematiku fid-dinja kienu f'livelli sostenibbli, skont il-parir xjentifiku.

L-iffirmar tal-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux irregolat fl-Ibħra Internazzjonali tal-Oċean Artiku Ċentrali f'Ottubru tal-2018 kienet kisba importanti ferm. Dan il-Ftehim se jindirizza nuqqas sinifikanti fil-qafas ta' governanza tal-Oċean Artiku

> Fil-kuntest tal-Ftehim dwar is-Sajd fl-Oċean Artiku Ċentrali, l-UE u disa' firmatarji oħrajn ftehmu li jipprojbixxu, għal perjodu inizjali ta' 16-il sena, is-sajd kummerċjali fl-ibħra internazzjonali tal-Oċean Artiku Ċentrali, li jiffurmaw żona li hija bejn wieħed u ieħor daqs il-Baħar Mediterran. Matul dan iż-żmien, huma se jaħdmu biex itejbu l-fehim tal-ekosistemi tal-Artiku u tal-possibbiltajiet għal sajd sostenibbli fid-dawl tat-tnaqqis tal-kopertura tas-silġ.

[2] Fl-eżerċizzju tal-ipprogramar għall-2014 sal-2020.
[3] COM(2018) 711 final.

u se jissalvagwardja l-ekosistemi fraġli tal-baħar għall-ġenerazzjonijiet futuri.

L-UE ħadmet mal-atturi ewlenin tal-oċeani sabiex tibni **sħubiji bilaterali** magħhom. L-UE ffirmat l-ewwel sħubija tal-oċeani — maċ-Ċina — f'Lulju tal-2018 u mistennija tiffirma sħubija mal-Kanada fl-2019.

> Il-Programm ta' Sħubija dwar il-Baħar bejn il-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea (il-programm PEUMP), li tnieda waqt il-konferenza msejħa "L-Oċean Tagħna", li saret f'Malta fl-2017, għandu l-għan li jappoġġa l-ġestjoni u l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u għat-tkabbir ekonomiku fi 15-il Stat fir-reġjun tal-Paċifiku. Il-programm PEUMP isegwi approċċ komprensiv u integrat u jintegra t-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-ġeneru fl-attivitajiet kollha.

L-UE saħħet **il-kapaċità** tal-pajjiżi u tal-organizzazzjonijiet sħab għall-monitoraġġ tal-oċeani, għall-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar u għall-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU). Pereżempju, hija allokat EUR 35 miljun għall-Istati tal-Paċifiku fil-kuntest tal-Programm ta' Sħubija dwar il-Baħar bejn il-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea, EUR 15-il miljun għall-Afrika tal-Punent fil-kuntest tal-programm PESCAO, EUR 28 miljun għar-reġjun tal-Oċean Indjan fil-kuntest tal-programm ECOFISH u EUR 87 miljun għall-kooperazzjoni tagħha mal-Kambodja fil-kuntest tal-programm il-ġdid tas-sajd għall-qabdiet imsejjaħ "CAPFISH".

Governanza internazzjonali tajba tal-oċeani tfisser ukoll li jiġi żgurat li dawk li jaħdmu fuq il-baħar ikunu jistgħu jagħmlu dan f'**ambjent sigur**. F'konformità mal-Istrateġija Globali tagħha u ma' politiki reġjonali speċifiċi, pereżempju għall-Qarn tal-Afrika u għall-Golf tal-Guinea, l-UE għandha rwol ewlieni bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali. Hija mmobilizzat ir-riżorsi sabiex tipproteġi mit-theddid marittimu bħall-piraterija u t-traffikar tal-bnedmin, sabiex tnaqqas l-aċċidenti marittimi u sabiex tipprevjeni d-diżastri ambjentali. Id-*data* tas-satellita mill-programm Copernicus tal-UE ntużat mill-korpi tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u ntużat ukoll għal operazzjonijiet internazzjonali ta' tfittxija u ta' salvataġġ fuq talba tan-NU.

IL-PILASTRU 2: TNAQQIS TAL-PRESSJONI FUQ L-OĊEANI U FUQ L-IBĦRA U ĦOLQIEN TAL-KUNDIZZJONIJIET GĦAL EKONOMIJA "BLU" SOSTENIBBLI

Oċeani b'saħħithom huma prerekwiżit għal żvilupp ekonomiku sostenibbli. Jekk irridu li l-ekonomija "l-blu" ta' għada tiġġenera iktar valur mis-setturi "blu" u tappoġġa lill-komunitajiet kostali, irridu naħdmu sabiex niżguraw li jkollna oċeani b'saħħithom illum.

L-oċeani jirregolaw il-klima tagħna imma huma wkoll vulnerabbli ħafna għall-impatti tat-**tibdil fil-klima**. L-UE qed tippromwovi u tiżviluppa azzjoni marbuta mal-oċeani biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, bħas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-enerġija rinnovabbli bbażata fuq l-oċeani. Dawn l-elementi ttennew fil-viżjoni strateġika l-ġdida sabiex sal-2050 niksbu Ewropa li tkun newtrali għall-klima, li l-Kummissjoni adottat f'Novembru tal-2018[4]. Din il-viżjoni tenfasizza l-konservazzjoni, l-użu u l-ġestjoni tal-ekosistemi u tar-riżorsi tal-baħar bħala waħda mill-prijoritajiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih.

[4] COM(2018) 773 final.

Sa mill-2017 'l hawn, l-UE allokat fondi speċifiċi għar-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u kostali f'reġjuni differenti madwar id-dinja, fosthom fil-Mediterran, fix-Xlokk tal-Asja u fil-pajjiżi AKP, li b'kollox jammontaw għal iktar minn EUR 90 miljun. Barra minn hekk, l-UE qed tippromwovi l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u dik mill-oċeani biex tipprovdi enerġija nadifa lill-gżejjer u liż-żoni kostali fl-UE u mad-dinja kollha. Pereżempju, l-UE qed timmobilizza għarfien espert tekniku biex tgħin lill-Indja tniedi s-sejħa għall-offerti għall-ewwel park eoliku fuq il-baħar tagħha din is-sena.

Barra minn hekk, l-UE qed taħdem b'mod attiv biex tħeġġeġ azzjoni qawwija fil-livell dinji biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet mit-trasport marittimu, f'konformità mal-istrateġija tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali biex tnaqqas dawn l-emissjonijiet bin-nofs sal-2050.

L-UE ffirmat Dikjarazzjoni Konġunta mal-Korea t'Isfel dwar l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU wara r-riżultati tajbin li kiseb il-Grupp ta' Ħidma tal-UE u tar-Repubblika tal-Korea li ġie stabbilit wara li f'April tal-2015 tneħħiet il-karta s-safra li kienet inħarġet lil dan il-pajjiż b'rabta mas-sajd IUU.

Bħala attur minn ta' quddiem nett fil-ġlieda kontra s-**sajd IUU**, sa minn meta adottat ir-Regolament dwar is-sajd IUU fl-2008, l-UE bdiet djalogu dwar il-kwistjonijiet marbutin mas-sajd IUU ma' aktar minn 50 pajjiż fir-reġjuni ewlenin kollha tas-sajd. Bis-saħħa ta' dan id-djalogu, 14-il pajjiż irriformaw b'suċċess is-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni tagħhom f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom bħar-responsabbiltajiet li għandhom bħala stati tal-bandiera, stati kostali, stati tal-port u stati tas-suq[5]. In-netwerk sostanzjali ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli tal-UE ntuża wkoll biex jappoġġa l-politika tal-UE b'rabta mas-sajd IUU. Sa Novembru tal-2018, kienu twaqqfu 10 Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli b'baġit globali ta' EUR 135 miljun kull sena. Tliet Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli addizzjonali ġew innegozjati u għandhom jidħlu fis-seħħ fil-futur qarib. Barra minn hekk, l-UE adottat regoli ġodda biex tiżgura li l-flotot tal-UE jwettqu sajd sostenibbli lil hinn mill-ilmijiet tal-UE[6]. L-UE kompliet tappoġġa wkoll il-ġlieda kontra s-sajd IUU f'diversi Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd. Bl-appoġġ tal-UE, ġie adottat pjan dwar is-sajd IUU fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed u ġew proposti proċeduri stretti biex il-bastimenti li jinqabdu jwettqu sajd IUU fl-Oċean Indjan u fl-Oċean tan-Nofsinhar jitniżżlu f'lista. Barra minn hekk, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd qed timplimenta proġett pilota biex jgħin u jżid id-deterrenza tas-sajd IUU madwar id-dinja.

Barra minn hekk, f'Ottubru tal-2016, l-UE pproponiet, fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li jiġu pprojbiti ċerti forom ta' sussidji għas-sajd li jikkontribwixxu għall-kapaċità żejda, għas-sajd żejjed u għas-sajd IUU. L-UE għadha qed taħdem b'mod attiv biex, sa mhux aktar tard mill-2020, jintlaħaq ftehim f'konformità mal-mira numru 6 tal-SDG numru 14.

L-UE ħadmet biex tfassal it-tweġiba internazzjonali għall-problema tal-**iskart fil-baħar** li qed issir dejjem iktar urġenti. Għamlet dan billi kompliet tiżviluppa l-Istrateġija tal-UE

L-Istrateġija tal-UE għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari tikkonsisti f'approċċ komprensiv għall-eliminazzjoni tal-iskart tal-plastik u tat-tnixxija tal-mikroplastik, b'mod partikulari għal ġol-ambjent tal-baħar, u ġiet segwita minn proposta biex jiġu pprojbiti l-10 prodotti ewlenin tal-plastik li jintużaw darba biss li jinstabu fuq ix-xtut u fil-baħar, kif ukoll biex jiddaħħlu regoli ġodda dwar l-irkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat. Il-pakkett huwa kkumplimentat minn proposta għal Direttiva ġdida dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet biex tindirizza l-problema tal-iskart fil-baħar mill-bastimenti, fosthom mill-bastimenti tas-sajd u mill-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni.

[5]https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/illegal-fishing
countries_en.pdf

[6] Ir-Regolament (UE) 2017/2403.

għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari[7]. L-UE qed tappoġġa b'mod attiv ix-xogħol li qed isir b'segwitu għar-riżoluzzjoni dwar l-iskart fil-baħar u l-mikroplastik li ġiet adottata waqt it-tielet Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent li saret f'Diċembru tal-2017. Fl-2018, l-UE appoġġat l-enfasi li l-Presidenza tal-Kanada tal-G7 għamlet fuq l-iskart fil-baħar u fuq it-tniġġis mill-plastik. L-UE qed tipprovdi wkoll appoġġ immirat biex tittejjeb il-ġestjoni tal-iskart fil-Paċifiku u fix-Xlokk tal-Asja, li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi enormi biex jindirizzaw it-tniġġis mill-plastik.

In-Netwerk Trans-Atlantiku taż-żoni tal-baħar protetti laqqa' flimkien lill-maniġers taż-żoni tal-baħar protetti ta' madwar l-Atlantiku mill-Amerka ta' Fuq u t'Isfel, mill-Afrika u mill-Ewropa. Il-proġett ta' ġemellaġġ ippermettilhom jaħdmu f'netwerk u jaqsmu l-aħjar prattiki ta' ġestjoni bejniethom. Issa qed jippjanaw li jkomplu jikkooperaw bejniethom abbażi ta' strateġija komuni.

L-UE diġà ħatret aktar minn 10 % miż-żoni tal-baħar u miż-żoni kostali tagħha bħala **żoni tal-baħar protetti** – sentejn qabel l-iskadenza tal-mira internazzjonali tal-KDB fl-2020 – u qed taħdem biex tiżgura li dawn jiġu ġestiti b'mod effettiv. Issa qed tgħin lil ħaddieħor jikseb din il-mira, billi tippromwovi żoni tal-baħar protetti ġodda u ġestiti tajjeb madwar id-dinja. Iktar minn EUR 23 miljun ġew investiti fl-iżvilupp ta' linji gwida, fit-twettiq ta' riċerka u studji xjentifiċi u fit-twaqqif ta' proġetti ta' ġemellaġġ biex jiġu inkuraġġuti t-tagħlim u l-kooperazzjoni reċiproki.

- **IL-PILASTRU 3: TISĦIĦ TAR-RIĊERKA U TAD-*DATA* INTERNAZZJONALI DWAR L-OĊEANI**

Politika b'saħħitha marbuta mal-oċeani tiddependi fuq fehim tajjeb tal-oċeani tagħna, ta' kif dawn jirreaġixxu għall-impatti kumulattivi tal-attività tal-bniedem, u ta' kif aħna nistgħu nużaw b'mod għaqli dak li huma għandhom x'joffru.

Fl-2018, il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni rapport dwar l-istat tal-oċeani. Ibbażat fuq *data* komprensiva u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Ambjent tal-Baħar tal-programm Copernicus tal-UE, ir-rapport jivvaluta l-istat attwali tal-oċean globali u tal-ibħra reġjonali Ewropej u l-varjazzjonijiet naturali tagħhom u l-bidliet fihom.

L-UE kompliet tippromwovi r-riċerka, id-*data* u l-istudji xjentifiċi dwar l-oċeani bil-għan li tiżviluppa għarfien komprensiv, affidabbli, komparabbli u aċċessibbli dwar l-oċeani biex ittejjeb it-tfassil tal-politika, biex twassal għall-innovazzjoni u biex tiffaċilita ekonomija "blu" sostenibbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bdiet tippubblika kull sena r-Rapport dwar l-Istat tal-Oċeani fil-kuntest tal-programm Copernicus[8]. Il-Kummissjoni hija ħerqana b'mod partikulari li ttejjeb il-ġbir tad-*data*, l-aċċess għaliha u l-kompatibbiltà tagħha. Permezz tal-EMODnet, in-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u *Data* Marittima, il-Kummissjoni qed tgħaqqad flimkien il-bażijiet tad-*data* globali u nazzjonali biex toħloq **netwerk** internazzjonali **tad-*data* tal-baħar** li jipprovdi aċċess miftuħ għad-*data* dwar l-oċeani u għall-prodotti tal-oċeani mill-Ewropa u lil hinn minnha. Fl-2018, pereżempju, l-UE allokat EUR 3,5 miljun għal kooperazzjoni aħjar maċ-Ċina b'rabta mad-*data* dwar l-oċeani. Barra minn hekk, permezz tal-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni msejjaħ "Orizzont", l-UE

[7] COM(2018) 28 final.
[8] http://marine.copernicus.eu/science-learning/ocean-state-report/

qed tiffinanzja proġetti biex l-osservazzjonijiet dwar l-oċeani fl-Atlantiku u fl-ibħra ta' madwar l-Ewropa jsiru adattati għall-ġejjieni.

Bil-ħsieb li ssaħħaħ l-investiment fix-**xjenza u fl-innovazzjoni "blu**", il-Kummissjoni qed ittejjeb l-iżvilupp tas-servizzi u tal-infrastruttura tar-riċerka bbażati fuq il-cloud permezz tal-programm Orizzont 2020. Il-kooperazzjoni ma' sħab lil hinn mill-UE tgħinna nifhmu aħjar id-dinamika u x-xejriet tal-oċeani. Hija twassal ukoll għall-innovazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż. Id-Dikjarazzjoni ta' Galway tal-2013 dwar il-Kooperazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku diġà kabbret il-**kooperazzjoni** tal-UE mal-Istati Uniti u mal-Kanada **b'rabta mar-riċerka dwar il-baħar**. Abbażi ta' din l-esperjenza ta' suċċess, fl-2017 l-UE ffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Belém dwar il-Kooperazzjoni fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni dwar l-Atlantiku mal-Brażil u mal-Afrika t'Isfel, u b'hekk wessgħet il-kooperazzjoni tagħha għan-Nofsinhar tal-Atlantiku. Fl-2018 il-Kummissjoni kkonkludiet arranġamenti amministrattivi mal-Arġentina u ma' Cape Verde dwar il-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni dwar il-baħar. L-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Trans-Atlantiku li nħolqot bħala riżultat ta' dan tkopri l-Oċean Atlantiku kollu, mill-Artiku sal-Antartika.

ŻVILUPPI OĦRAJN

Biex tikkumplimenta l-aġenda għall-governanza internazzjonali tal-oċeani, minn meta ġiet adottata din l-aġenda, l-UE ħadet azzjonijiet u nediet inizjattivi li jgħinu biex ikomplu jsaħħu l-governanza internazzjonali tal-oċeani.

- Bħala kustodju tal-inizjattiva msejħa "L-Oċean Tagħna", l-UE talbet għal azzjoni globali deċiża u ġġenerat impenji ambizzjużi għat-titjib tal-governanza tal-oċeani waqt il-konferenzi li saru f'Malta fl-2017 u f'Bali fl-2018.
- Bħala proponent tal-ekonomija "l-blu", il-Kummissjoni bdiet ukoll is-sħubija għal Prinċipji Finanzjarji volontarji għal Ekonomija Blu Sostenibbli u pproponiet li toħloq tassonomija għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi li jitqiesu li huma ambjentalment sostenibbli u li jinkludu attivitajiet għall-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u għall-ħarsien tagħhom.
- Minbarra l-investiment tal-UE fir-riċerka dwar il-baħar, fl-aħħar sentejn ġew allokati EUR 46 miljun għas-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Ambjent tal-Baħar tal-programm Copernicus għall-osservazzjoni, għat-tbassir u għall-analiżi globali tal-istat tal-oċeani, fosthom tal-effetti tat-tibdil fil-klima.
- Il-Kummissjoni pproponiet li talloka fondi għall-governanza internazzjonali tal-oċeani fil-kuntest tal-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** għall-2021 sal-2027[9]. Dan se jippermetti lill-UE tieħu azzjoni mmirata, pereżempju biex isir progress fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u biex tkompli tiġi żviluppata s-sigurtà marittima internazzjonali.
- Il-Kummissjoni għamlet il-proposti tagħha għall-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għal wara l-2020 imsejjaħ **"Orizzont Ewropa"** (għall-2021 sal-2027)[10]. Il-governanza internazzjonali tal-oċeani hija wkoll waħda mill-oqsma ta' prijorità fl-**Istrumenti ta' Finanzjament estern** proposti għal wara l-2020[11].
- Id-Dikjarazzjoni Ministerjali msejħa "*Lejn Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed*", li ġiet approvata waqt il-Jum Marittimu Ewropew tal-2018 f'Burgas, fil-Bulgarija, bdiet il-proċess ta' żvilupp ta' aġenda marittima komuni għall-Baħar l-Iswed.

[9] COM(2018) 390 final.
[10] COM(2018) 435 final u COM(2018) 436 final – 2018/0225(COD).
[11] 2018/0243(COD), 2018/0244(CNS) u 2018/0247(COD).

- Fl-aħħar nett, l-UE qed tikkontribwixxi għat-tieni Valutazzjoni tan-NU tal-Oċeani tad-Dinja li qed titħejja dal-ħin u bdiet ukoll tħejji l-kontribuzzjoni tagħha għad-Deċennju tan-NU għax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli (li se jkun mill-2021 sal-2030).

KONKLUŻJONI U L-PASSI LI JMISS

Minn meta adottat l-aġenda tagħha għall-governanza internazzjonali tal-oċeani 'l hawn, l-UE kisbet diversi suċċessi. Saru avvanzi kbar fit-tliet oqsma ta' prijorità u anki lil hinn minnhom.

Iżda għad baqa' sfidi oħrajn. Is-sistemi tal-oċeani huma kumplessi u għaldaqstant il-governanza tal-oċeani għandha diversi lati. Il-pressjoni mit-tibdil fil-klima, it-tniġġis, it-telfien tal-bijodiversità, l-estrazzjoni lil hinn mill-kosta u s-sajd żejjed qed ikomplu jaffettwaw ħażin lill-oċeani tagħna. Meħudin flimkien, dawn joħolqu theddid multiplu għall-ħajja tal-baħar. Huma joħolqu sfida formidabbli, li tant hi kbira u kumplessa li ma tistax tiġi ttrattata minn pajjiż jew minn reġjun wieħed waħdu. Biex l-oċeani tad-dinja jinżammu b'saħħithom hemm bżonn ta' koalizzjoni wiesgħa ta' atturi li jaħdmu flimkien abbażi ta' regoli internazzjonali. Il-popolazzjoni tad-dinja mistennija tilħaq id-disa' sa l-10 biljun ruħ sal-2050, u b'hekk il-pressjoni mistennija biss tkompli tiżdied.

Bħala mexxejja internazzjonali affidabbli għal aktar azzjoni favur l-oċeani, l-UE se tibqa' taħdem favur il-bidla, b'mod partikulari b'rabta ma' erba' mill-10 miri tal-SDG numru 14 li jridu jitwettqu sal-2020. B'antiċipazzjoni tar-rapport li jmiss dwar l-oċeani u l-krijosfera tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-UE qed iżżid ukoll l-azzjoni tagħha biex tiżgura l-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima fuq l-oċeani u fuq l-użu tagħhom.

Mill-2019, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli qed iwaqqfu **Forum** tal-UE **tal-Partijiet Interessanti fil-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani** li jlaqqa' flimkien lill-esperti, lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, lill-akkademiċi u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jittrattaw l-oċeani u l-ibħra madwar id-dinja. Dan il-Forum se jwettaq xogħol ta' segwitu b'rabta mal-prijoritajiet stabbiliti tal-UE, se jiddiskuti l-isfidi attwali u futuri tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u se jirrakkomanda azzjonijiet għall-ġejjieni.